ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 85

Volum 53

Edizzjoni bil-Malti

31 ta' Marzu 2010

## Leġiżlazzjoni

Werrej

I *Atti leġislattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament (UE) Nru 265/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2010 li jemenda l-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolament (KE) Nru 562/2006 fir-rigward tal-moviment tal-persuni li jkollhom viża għal soġġorn fit-tul** . . . . . . . . . . . 1

**Prezz: 3 EUR**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti leġislattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) Nru 265/2010 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

### tal-25 ta' Marzu 2010

### li jemenda l-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolament (KE) Nru 562/2006 fir-rigward tal-moviment tal-persuni li jkollhom viża għal soġġorn fit-tul

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikoli 77(2)(b) u (c) u l-Artikolu 79(2)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([1]),

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar l-abolizzjoni gradwali ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom ([2]) (il-Konvenzjoni Schengen) tistipula r-regoli dwar viżi għal soġġorn fit-tul li jippermettu lid-detenturi li jgħaddu mit-territorji tal-Istati Membri. Ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) ([3]) jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għad-dħul għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Sabiex ikun iffaċilitat il-moviment ħieles ta' ċittadini minn pajjiżi terzi – detenturi ta' viżi nazzjonali għal soġġorn fit-tul, fit-territorju ta' Stati Membri li jimplimentaw b'mod sħiħ l-acquis ta' Schengen (iż-Żona ta' Schengen) - għandhom jittieħdu miżuri addizzjonali.

(2) L-Istati Membri għandhom jissostitwixxu viżi għal soġġorn fit-tul b'permessi għal residenza fil-ħin propizju wara d-dħul fit-territorju tagħhom ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi legalment residenti abbażi ta' viża għal soġġorn fit-tul sabiex jiġu permessi jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra matul is-soġġorn jew tranżitu tagħhom fit-territorji ta' Stati Membri oħra fir-ritorn tagħhom lejn pajjiżhom. Madanakollu, wara d-dħul ta' ċittadini minn pajjiż terzi fit-territorju tagħhom, numru dejjem akbar ta' Stati Membri ma jissostitwux viżi għal soġġorn fit-tul b'permessi għal residenza jew jagħmlu dan biss wara dewmien konsiderevoli. Din is-sitwazzjoni legali u prattika għandha konsegwenzi negattivi sinifikanti fuq il-moviment ħieles fi ħdan iż-Żona Schengen ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi legalment residenti fi Stat Membru abbażi ta' viża għal soġġorn fit-tul.

(3) Sabiex jintgħelbu l-problemi li jiltaqgħu magħhom iċ-ċittadini minn pajjiżi terzi residenti fi Stat Membru abbażi ta' viża għal soġġorn fit-tul, dan ir-Regolament għandu jestendi l-prinċipju tal-ekwivalenza bejn il-permessi għal residenza u viżi għal soġġorn qasir maħruġa mill-Istati Membri li jkunu qed jimplimentaw b'mod sħiħ l-acquis ta' Schengen għall-viżi għal soġġorn fit-tul. B'riżultat ta' dan, viża għal soġġorn fit-tul għandu jkollha l-istess effetti bħal permess għal residenza fir-rigward tal-moviment ħieles tad-detentur fiż-Żona ta' Schengen.

(4) Ċittadin ta' pajjiż terz li jkun fil-pussess ta' viża għal soġġorn fit-tul maħruġa minn Stat Membru għandu għalhekk ikun permess li jivvjaġġa lejn Stati Membri oħra għal tliet xhur f'kull perijodu ta' sitt xhur, taħt l-istess kundizzjonijiet tad-detenturi ta' permess għal residenza. Dan ir-Regolament ma jaffettwax ir-regoli fir-rigward tal-ħruġ ta' viżi għal soġġorn fit-tul.

(5) B'mod allinjat mal-prattika attwali tal-Istati Membri, dan ir-Regolament jistabbilixxi l-obbligu għall-Istati Membri sabiex joħorġu viżi għal soġġorn fit-tul fil-format uniformi għall-viżi kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95 ([4]).

([1]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2010 (għadha m'hijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Marzu 2010

([2]) ĠU L 239, 22.9.2000, p. 1.

([3]) ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1.

([4]) ĠU L 164, 14.7.1995, p. 1.

(6) Ir-regoli dwar il-konsultazzjoni tas-Sistema tal-Informazzjoni ta' Schengen u tal-Istati Membri l-oħra fl-eventwalità ta' twissija meta tkun qed tiġi pproċessata applikazzjoni għal permess ta' residenza għandhom japplikaw ukoll għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal viżi għal soġġorn fit-tul. Il-moviment ħieles ta' detentur ta' viża għal soġġorn fit-tul fl-Istati Membri l-oħra m'għandux għalhekk jikkostitwixxi riskju addizzjonali ta' sigurtà għall-Istati Membri.

(7) Il-Konvenzjoni Schengen u r-Regolament (KE) Nru 562/2006 għandha tiġi emendata f'dan is-sens.

(8) Dan ir-Regolament ma għandux l-għan li jiskoraġġixxi lill-Istati Membri milli joħorġu permessi għal residenza u ma għandux jaffettwa l-obbligu tal-Istati Membri li joħorġu permessi għal residenza għal ċerti kategoriji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi kif previst minn strumenti oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 2005/71/KE ([1]), id-Direttiva 2004/114/KE ([2]), id-Direttiva 2004/38/KE ([3]), id-Direttiva 2003/109/KE ([4]) u d-Direttiva 2003/86/KE ([5]).

(9) Skont id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment ([6]), ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin joqgħodu illegalment fit-territorju ta' Stat Membru u detenturi ta' peress ta' residenza jew awtorizzazzjoni oħra li tagħti d-dritt ta' soġġorn maħruġ minn Stat Membru ieħor, bħal viża għal soġġorn fit-tul, għandhom jiġu rikjesti li jmorru immedjatament fit-territorju ta' dak l-Istat Membru l-ieħor.

(10) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, senjatament l-istabbiliment ta' regoli dwar il-moviment ħieles b'viża għal soġġorn fit-tul, ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jinkiseb dak l-għan.

(11) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti, b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Hu għandu jkun applikabbli skont l-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tal-protezzjoni internazzjonali u n-non-refoulement.

(12) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati mal-implementazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([7]), li huma fl-ambitu taż-żona msemmija fl-Artikolu 1, punt (B) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim ([8]).

(13) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([9]), li jaqgħu fiż-żona msemmija fl-Artikolu 1, punti (B) u (Ċ), tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqrija flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE ([10]).

(14) Fir-rigward ta' Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, fis-sensa tal-Protokoll iffirmat bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat ta' Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat ta' Liechtenstein għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, li jaqa' fl-ambitá taż-żona msemmija fl-Artikolu 1, punti (B) u (Ċ) tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqrija flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2008/261/KE ([11]).

(15) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Minħabba li dan ir-Regolament jibni fuq l-acquis ta' Schengen, id-Danimarka għandha, skont l-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi fi żmien sitt xhur li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan ir-Regolament, jekk hijiex se timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha.

---

([1]) Direttiva tal-Kunsill 2005/71/KE tat-12 ta' Ottubru 2005 dwar proċedura speċifika għall-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka xjentifika (ĠU L 289, 3.11.2005, p. 15).

([2]) Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar il-kondizzjonijiet ta' ammissjoni ta' cittadini ta' pajjiżi terzi għal skopijiet ta' studju, skambju ta' studenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju (ĠU L 375, 23.12.2004, p. 12).

([3]) Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77; verżjoni korreġuta fil-ĠU L 229, 29.6.2004, p. 35).

([4]) Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU L 16, 23.1.2004, p. 44).

([5]) Direttiva tal-Kunsill Nru 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU L 251, 3.10.2003, p. 12).

([6]) ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98.

([7]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

([8]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.

([9]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

([10]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1.

([11]) ĠU L 83, 26.3.2008, p. 3.

(16) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fih ir-Renju Unit ma jipparteċipax, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000, dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq sabiex tipparteċipa f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen ([1]). Ir-Renju Unit għalhekk ma jipparteċipax fl-adozzjoni tiegħu u mhuwiex marbut bih jew suġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

(17) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fih l-Irlanda ma tipparteċipax, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002, dwar it-talba tal-Irlanda sabiex tipparteċipa f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen ([2]). L-Irlanda għalhekk ma tipparteċipax fl-adozzjoni tiegħu u mhijiex marbuta bih jew suġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

(18) Fir-rigward ta' Ċipru, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-acquis jew relatat b'mod ieħor miegħu fis-sens tal-Artikolu 3 (2) tal-Att dwar l-Adeżjoni tal-2003.

(19) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-acquis ta' Schengen jew relatat b'mod ieħor miegħu fis-sens tal-Artikolu 4(2) tal-Att dwar l-Adeżjoni tal-2005,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-Konvenzjoni Schengen hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 18 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 18*

1. Il-viżi għal soġġorni li jeċċedu t-tliet xhur ('viżi għal soġġorn fit-tul') għandhom ikunu viżi nazzjonali maħruġa minn wieħed mill-Istati Membri skont il-liġijiet nazzjonali tiegħu jew il-liġi tal-Unjoni. Dawn il-viżi għandhom jinħarġu fil-format uniformi għall-viżi kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95 (*) bl-intestatura li tispeċifika t-tip ta' viża bl-ittra 'D'. Dawn għandhom jiġu kompletati skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi tal-Komunità dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (**).

2. Il-viżi għal soġġorn fit-tul għandu jkollhom validità ta' mhux aktar minn sena. Jekk Stat Membru jippermetti persuna aljena toqgħod għal aktar minn sena, il-viża għal soġġorn fit-tul għandha tiġi sostitwita b'permess ta' residenza qabel l-iskadenza tal-perijodu tagħha ta' validità.

(*) ĠU L 164, 14.7.1995, p. 1
(**) ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.".

(2) L-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Persuni aljeni detenturi ta' permessi ta' residenza maħruġa minn wieħed mill-Istati Membri jistgħu, abbażi ta' dak il-permess u ta' dokument validu tal-ivvjaġġar, jiċċaqilqu liberament sa perijodu massimu ta' tliet xhur f'kull perijodu ta' sitt xhur fi ħdan it-territorji tal-Istati Membri l-oħra, dment li jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' dħul imsemmija fl-Artikolu 5(1)(a), (c) u (e) tar-Regolament 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (*) u li m'humiex fuq il-lista nazzjonali ta' twissijiet tal-Istat Membru kkonċernat.

(*) ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1.";

(b) il-paragrafu li ġej huwa inserit wara l-paragrafu 2:

"2a. Id-dritt tal-moviment ħieles stabbilit fil-paragrafu 1 għandu japplika għal persuni aljeni detenturi ta' viża valida għal soġġorn fit-tul maħruġa minn wieħed mill-Istati Membri kif previst fl-Artikolu 18.".

(3) L-Artikolu 25 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta Stat Membru jikkunsidra joħroġ permess ta' residenza, huwa għandu jwettaq tiftixa sistematika fis-Sistema tal-Informazzjoni ta' Schengen. Meta Stat Membru jikkunsidra joħroġ permess ta' residenza għal persuna aljena li fil- konfront tagħha inħarġet twissija bil-għan li jiġi rifjutat id-dħul, huwa għandu l-ewwel jikkonsulta lill-Istat Memrbu li jkun ħareġ it-twissija u għandu jieħu kont tal-interessi tiegħu; il-permess ta' residenza għandu jinħareġ għal raġunijet sostantivi biss, notevolment fuq raġunijet umanitarji jew minħabba impenji internazzjonali.

Meta jinħareġ permess ta' residenza, l-Istat Membru li joħroġ it-twissija għandu jirtira t-twissija iżda jista' jpoġġi lill-persuna aljena kkonċernata fuq il-lista nazzjonali ta' twissijiet.";

([1]) ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
([2]) ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

(b) il-paragrafu li ġej huwa inserit wara il-paragrafu 1:

"1a. Qabel ma joħorġu twissija bil-ħsieb li jiġi rifjutat id-dħul fis-sens tal-Artikolu 96, l-Istati Membri għandhom jiċċekkjaw ir-records nazzjonali tagħhom ta' viżi għal soġġorn fit-tul jew permessi ta' residenza maħruġa.";

(ċ) il-paragrafu li ġej huwa miżjud:

"3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw ukoll għal viżi għal soġġorn fit-tul.".

*Artikolu 2*

L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) punt (b) tal-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) huma fil-pussess ta' viża valida, jekk rikjesta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka il-pajjiżi terzi ċ-ċittadini ta' liema għandu jkollhom fil-pussess tagħhom viżi meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ- ċittadini ta' liema huma eżenti minn dak ir-rekwiżit (*), ħlief meta jkunu detenturi ta' permess validu ta' residenza jew viża valida għal soġġorn fit-tul.

(*) ĠU L 81, 21.3.2001, p. 1.";

(2) punt (a) tal-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 iżda li jkunu detenturi ta' permess ta' residenza, viża għal soġġorn fit-tul jew viża għad-dħul mill-ġdid maħruġa minn wieħed mill-Istati Membri jew, fejn meħtieġ, permess ta' residenza jew viża għal soġġorn fit-tul u viża għad-dħul mill-ġdid, għandhom ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorji ta' Stati Membri oħra għall-finijiet ta' tranżitu sabiex ikunu jistgħu jilħqu t-territorju tal-Istat Membru li jkun ħareġ il-permess ta' residenza, viża għal soġġorn fit-tul jew viża għad-dħul mill-ġdid, sakemm l-ismijiet tagħhom ma jkunux fuq il-listi nazzjonali ta' twissijiet tal-Istati Membri li tagħhom jkunu qegħdin jaqsmu l-fruntieri esterni u t-twissija tkun akkumpanjata b'istruzzjonijiet biex jiġi rifjutat id-dħul jew it-tranżitu;".

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament m'għandux jinċidi fuq l-obbligu tal-Istati Membri sabiex joħorġu permessi ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiżi terzi kif previst minn strumenti oħra ta' Unjoni.

*Artikolu 4*

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinfurmaw liċ-ċittadini kkonċernati ta' pajjiżi terzi b'dan ir-Regolament b'mod sħiħ u preċiż.

*Artikolu 5*

Sal-5 ta' April 2012, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jekk ikun adatt, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta sabiex dan ir-Regolament jiġi emendat.

*Artikolu 6*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-5 ta' April 2010.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Marzu 2010.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | D. LÓPEZ GARRIDO |

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT